



Dokument ta' sessjoni

B8-1056/2016

28.9.2016

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI

imressqa wara d-dikjarazzjonijiet tal-Kunsill u tal-Kummissjoni

skont l-Artikolu 123(2) tar-Regoli ta' Proċedura

dwar il-bżonn ta' politika ta' reindustrijalizzazzjoni Ewropea fid-dawl tal-każijiet reċenti ta' Caterpillar u Alstom
(2016/2891(RSP))

Maria Arena, Edouard Martin, Maria João Rodrigues, Kathleen Van Brempt, Dan Nica, Jutta Steinruck, Martina Werner, Sergio Gaetano Cofferati, Christine Revault D'Allonnes Bonnefoy, Hugues Bayet, Eric Andrieu, Nikos Androulakis, Guillaume Balas, Pervenche Berès, José Blanco López, Vilija Blinkevičiūtė, Enrico Gasbarra, Elena Gentile, Sergio Gutiérrez Prieto, Pier Antonio Panzeri, Demetris Papadakis, Georgi Pirinski, Evelyn Regner, Inmaculada Rodríguez-Piñero Fernández, Marc Tarabella, Isabelle Thomas, Flavio Zanonato, Nicola Caputo
f'isem il-Grupp S&D

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar il-bżonn ta' politika ta' reindustrijalizzazzjoni Ewropea fid-dawl tal-każijiet reċenti ta' Caterpillar u Alstom (2016/2891(RSP))

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-Artikoli 9, 147, 151, 153(2), 173, 174, 192, 225 u 345,
- wara li kkunsidra l-Artikoli 14, 27 u 30 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009 tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea¹,
- wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 597/2009 tal-11 ta' Ġunju 2009 dwar il-protezzjoni kontra importazzjonijiet sussidjati minn pajjiżi li mhumiex membri tal-Komunità Ewropea²,
- wara li kkunsidra l-valutazzjoni tal-valur miżjud Ewropew ta' miżura tal-Unjoni dwar "informazzjoni lill-ħaddiema u konsultazzjoni tal-ħaddiema, antiċipazzjoni u ġestjoni tal-proċessi ta' ristrutturazzjoni", li saret mill-Unità Ewropea għall-Valur Miżjud tal-Parlament u li tressqet lill-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali fid-19 ta' Novembru 2012,
- wara li kkunsidra r-rapport finali tal-grupp ta' Livell Għoli dwar l-implikazzjonijiet ekonomiċi u soċjali tal-bidla industrijali "Managing change" (Niġġestixxu l-bidla), elaborat fis-Summit tal-Impjeg ta' Novembru 1997 fil-Lussemburgu,
- wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2157/2001 tat-8 ta' Ottubru 2001 dwar l-Istatut ta' kumpannija Ewropea (SE)³,
- wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 98/59/KE tal-20 ta' Lulju 1998 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar redundancies kollettivi⁴,
- wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 2000/78/KE tas-27 ta' Novembru 2000 li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ugwaljanza fit-trattament fl-impjeg u fix-xogħol⁵,
- wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 2001/23/KE tat-12 ta' Marzu 2001 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri relatati mas-salvagwardja tad-drittijiet tal-

¹ ĠU L 343, 22.12.2009, p. 51.

² ĠU L 188, 18.7.2009, p. 93.

³ ĠU L 294, 10.11.2001, p. 1.

⁴ ĠU L 225, 12.8.1998, p. 16.

⁵ ĠU L 303, 2.12.2000, p. 16.

- impjegati fil-każ ta' trasferiment ta' impriżi, negozji jew partijiet ta' impriżi jew negozji¹,
- wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 2001/86/KE tat-8 ta' Ottubru 2001 li tissupplimenta l-istatut għal kumpanija Ewropea rigward l-involviment tal-ħaddiema²,
 - wara li kkunsidra d-Direttiva 2002/14/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2002 li tistabbilixxi qafas ġenerali dwar l-informazzjoni u l-konsultazzjoni tal-impjegati fil-Komunità Ewropea³,
 - wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 2003/72/KE tat-22 ta' Lulju 2003 li tissupplimenta l-Istatut għal Soċjetà Kooperattiva Ewropea fir-rigward tal-involviment tal-impjegati⁴,
 - wara li kkunsidra d-Direttiva 2004/25/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 fuq offerti ta' xiri⁵,
 - wara li kkunsidra d-Direttiva 2005/56/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2005 dwar mergers transkonfinali ta' kumpanniji ta' responsabilità limitata⁶,
 - wara li kkunsidra d-Direttiva 2009/38/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Mejju 2009 dwar l-istabbiliment ta' Kunsill tax-Xogħlijiet Ewropew jew proċedura fl-impriżi fuq skala Komunitarja u fil-gruppi tal-impriżi fuq skala Komunitarja għall-għanijiet ta' informazzjoni u ta' konsultazzjoni tal-impjegati⁷,
 - wara li kkunsidra l-komunikazzjoni mill-Kummissjoni tal-31 ta' Marzu 2005 bit-titolu "Strutturar mill-ġdid u impjeg li tantiċipa u takkumpanja l-istrutturar mill-ġdid biex jiżviluppa l-impjeg: ir-rwol tal-Unjoni Ewropea" (COM(2005)0120) u l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tal-14 ta' Diċembru 2005,
 - wara li kkunsidra l-komunikazzjoni mill-Kummissjoni tad-9 ta' Frar 2005 dwar l-Aġenda Soċjali (COM(2005)0033)
 - wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/707/UE tal-21 ta' Ottubru 2010 dwar il-linji gwida għall-politika tal-Istati Membri dwar l-impjeg⁸,
 - wara li kkunsidra l-komunikazzjoni mill-Kummissjoni tal-28 ta' Ottubru 2010 bit-titolu 'Politika Industrijali Integrata għall-Era tal-Globalizzazzjoni – Il-Kompetittività u s-Sostenibilità fix-Xena Prinċipali' (COM(2010)0614),
 - wara li kkunsidra l-komunikazzjoni mill-Kummissjoni tas-27 ta' Ottubru 2010 (rettifika ppubblikata fil-11 ta' Novembru 2010) bit-titolu "Lejn Att dwar is-Suq Uniku" (COM(2010)0608),

¹ ĠU L 82, 22.3.2001, p. 16.

² ĠU L 294, 10.11.2001, p. 22.

³ ĠU L 80, 23.3.2002, p. 29.

⁴ ĠU L 207, 18.8.2003, p. 25.

⁵ ĠU L 142, 30.4.2004, p. 12.

⁶ ĠU L 310, 25.11.2005, p. 1.

⁷ ĠU L 122, 16.5.2009, p. 28.

⁸ ĠU L 308, 24.11.2010, p. 46.

- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni mill-Kummissjoni tat-23 ta' Novembru 2010 bit-titolu 'Aġenda għall-ħiliet ġodda u l-impjiegi: Kontribut Ewropew lejn livell massimu ta' impjiegi' (COM(2010)0682),
- wara li kkunsidra l-Green Paper tal-Kummissjoni tas-17 ta' Jannar 2012 bit-titolu 'Ristrutturazzjoni u antiċipazzjoni tal-bidla: X'tgħallimna mill-esperjenza reċenti?' (COM(2012)0007),
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' Diċembru 2011 dwar ir-rieżami ta' nofs il-perjodu tal-istrateġija Ewropea 2007-2012 dwar is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol¹,
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni mill-Kummissjoni tat-18 ta' April 2012 bit-titolu "Lejn irkupru li jwassal għall-ħolqien abbondanti ta' impjiegi" (COM(2012)0173),
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tas-26 ta' Mejju 2005 dwar l-Aġenda Soċjali għall-perjodu 2006-2010²,
- wara li kkunsidra l-Opinjoni ta' inizjattiva proprja tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tal-25 ta' April 2012 dwar il-kooperattivi u r-ristrutturazzjoni,
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tal-10 ta' Mejju 2007 dwar it-tisħiħ tal-leġiżlazzjoni Ewropea fil-qasam tal-informazzjoni u l-konsultazzjoni mal-ħaddiema³,
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tad-9 ta' Marzu 2011 dwar Politika Industrijali għall-era Globalizzata⁴,
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni mill-Kummissjoni tal-20 ta' Settembru 2011 bit-titolu "Pjan Direzzjonali għal Ewropa b'Użu Effiċjenti tar-Riżorsi" (COM(2011)0571),
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni mill-Kummissjoni tat-8 ta' Marzu 2011 bit-titolu "Pjan direzzjonali għal ekonomija kompetittiva b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju fl-2050" (COM(2011)0112),
- wara li kkunsidra r-riżultati tar-riċerki u tal-istħarriġ imwettqa mill-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1309/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (2014-2020) u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1927/2006⁵,
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' Jannar 2013 b'rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni dwar informazzjoni lill-ħaddiema u konsultazzjoni tal-ħaddiema, antiċipazzjoni u ġestjoni tar-ristrutturazzjoni⁶,

¹ ĠU C 168E, 14.6.2013, p. 102.

² ĠU C 117E, 18.5.2006, p. 256.

³ ĠU C 76E, 27.3.2008, p. 138.

⁴ ĠU C 199, 7.7.2012, p. 131.

⁵ ĠU L 347, 20.12.2013, p. 855.

⁶ ĠU C 440, 30.12.2015, p. 23.

- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' Jannar 2014 dwar Nisfruttaw il-Potenzjal tal-Impjiegi mit-Tkabbir Ekoloġiku,
 - wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tas-17 ta' Diċembru 2014 dwar is-settur tal-azzar fl-UE: il-protezzjoni tal-ħaddiema u l-industriji¹,
 - wara li kkunsidra d-dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni tat-18 ta' April 2012 bit-titolu "Exploiting the employment potential of green growth" (Nisfruttaw il-potenzjal tal-impjiegi li joffri t-tkabbir ekoloġiku) (SWD(2012)0092),
 - wara li kkunsidra l-komunikazzjoni mill-Kummissjoni tal-10 ta' Ottubru 2012 bit-titolu "Industrija Ewropea aktar b'saħħitha għat-Tkabbir u l-Irkupru Ekonomiku" (COM(2012)0582), kif ukoll l-20 % mira ta' reindustrializzazzjoni,
 - wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tad-9 ta' Ġunju 2016 dwar il-kompetittività tal-industrija tal-provvista ferrovjarja Ewropea²,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 123(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi l-industrija Ewropea żvolġiet rwol importanti fl-istorja tal-integrazzjoni Ewropea u hija pilastru għall-ħolqien ta' valuri u mezzi ġodda fl-Ewropa;
 - B. billi l-industrija ferrovjarja hija s-sinsla tal-industrializzazzjoni Ewropea, b'aktar minn 175 sena ta' storja; billi r-rata ta' tkabbir annwali tas-swieq tal-industrija tal-provvista ferrovjarja aċċessibbli mistennija li tkun ta' 2.8 % sal-2019;
 - C. billi l-industrija tal-manifattura tirrappreżenta 65 % tan-nefqa dwar l-R&Ż tal-kumpaniji u billi t-tisħiħ tal-bażi industrijali tagħna huwa għalhekk essenzjali sabiex jinżammu l-għarfien espert u l-kompetenzi fl-UE;
 - D. billi l-industrija Ewropea tal-provvista ferrovjarja timpjega direttament 400 000 persuna fl-UE kollha, li ħafna minnhom jaħdmu f'SMEs;
 - E. billi industrija tal-provvista ferrovjarja Ewropea b'saħħitha u innovattiva hija essenzjali għal żieda fl-użu tal-ferroviji, li hija meħtieġa biex jintlaħqu l-miri tal-UE dwar il-klima u l-enerġija;
 - F. billi s-sit tal-produzzjoni tal-Alstom f'Belfort għandu valur miżjud għoli u b'għarfien espert rikonoxxut fis-settur tat-trazzjoni;
 - G. billi l-iżvilupp diġitali, prijorità tal-Pjan ta' Juncker, jeħtieġ bażi industrijali b'saħħitha biex jitwettaq;
 - H. billi fil-preżent, din l-industrija ċentrali u strateġiku tal-UE qed tiffaċċja kompetizzjoni qawwija minn pajjiżi terzi li jesportaw prodotti irħas fis-suq Ewropew bit-twettiq ta' politika aggressiva u li qed tespandi rapidament fil-kontinenti kollha, spiss mogħtija sostenn politiku u finanzjarju mill-gvernijiet tagħhom;

¹ Testi adottati, P8_TA(2014)0104.

² Testi adottati, P8_TA(2016)0280.

- I. billi l-industrija Ewropea qed tiffaċċja tellieqa kontra l-ħin biex terġa' tikseb il-kompetittività tagħha u l-kapaċità li tinvesti fl-Ewropa, u qiegħda wkoll tħabbat wiċċha ma' sfidi soċjali u ambjentali li jeħtiġilha tegħleb, filwaqt li tibqa' punt ta' riferiment dinji fir-responsabbiltà soċjali u ambjentali;
- J. billi hi biss politika ta' innovazzjoni ambizzjuża, li tiffavorixxi l-produzzjoni ta' prodotti ta' kwalità għolja, effiċjenti fl-enerġija u innovattivi u tippromwovi proċessi ta' produzzjoni ġodda, li tippermetti li l-UE żżomm fuq saqajha f'dinja dejjem aktar kompetittiva;
- K. billi n-nuqqas ta' koordinazzjoni Ewropea f'materji fiskali u kummerċjali jippermetti li kumpaniji kbar joħolqu strutturi legali li jippermettulhom jevadu t-taxxi, inkluż permezz tat-trasferiment ta' assi tanġibbli u/jew intanġibbli jew ta' servizzi bejn kumpaniji bi prezzijiet mhux adegwati;
- L. billi illum huwa assolutament essenzjali li jkun hemm konsistenza bejn il-politiki differenti li l-Unjoni Ewropea adottat sabiex tiddefinixxi politika industrijali moderna; billi dan it-tiġdid jista' jiġi spjegat fil-biċċa l-kbira minħabba sitwazzjonijiet li seħħew l-aktar fis-siti tal-Caterpillar u tal-Alstom;
- M. billi d-deċiżjoni tal-bord tad-diretturi tal-Alstom li tħabbar it-trasferiment tal-attività ta' produzzjoni tagħha tal-ferroviji (400 impjeg) mis-sit f'Belfort għas-sit ta' Reichshoffen, fir-realtà, tfisser l-għeluq tal-ewwel sit (minħabba li l-unika attività li fadal hemmhekk ma tiġġustifikax li dan se jinżamm operattiv);
- N. billi diġà kien hemm il-biża' f'Jannar li għadda li General Electric ikollha tnaqqas 6 500 impjeg fid-diviżjonijiet Ewropej ta' dik li qabel kienet l-Alstom, u 236 sensja (minn madwar 400 impjegat) kienu saħansitra diġà ppjanati fis-sit Sesto San Giovanni fl-Italja, minħabba l-effetti tal-waqfien tal-produzzjoni u ta' tnaqqis qawwi fis-servizzi; billi l-kumpanija wriet indifferenza totali għat-talbiet tal-Gvern, ir-reġjun u l-muniċipalità tal-Italja, waqt li kkonfermat it-tħabbira ta' 99 sensja fis-sit Sesto San Giovanni u, min-naħa l-oħra, id-disponibbiltà ta' inċentivi għall-irtirar volontarju u trasferimenti lejn impjanti oħra f'Puglia u fil-Campania;
- O. billi fit-2 ta' Settembru 2016, l-azjenda Caterpillar ħabbret pjan ta' ristrutturazzjoni kbir fid-dinja kollha, inkluż fis-sit f'Gosselies, li qed jiġi mgieġhel jagħlaq il-bibien tiegħu, bil-konsegwenza ta' 2 500 sensja ta' ħaddiema b'mod dirett u b'madwar 4 000 sottokuntrattur fil-periklu li jtilfu l-impjeg;
- P. billi fit-28 ta' Frar 2013, Caterpillar Belgium S.A. kienet suġġetta għal pjan ta' ristrutturazzjoni bl-għan li tingħata s-sensja lil madwar 1 400 ħaddiem, li 85 % minnhom kienu f'pożizzjoni li jibbenefikaw minn irtirar kmieni; billi jidher li tliet snin wara, madwar nofs il-15 % tal-ħaddiema li ma bbenefikawx minn irtirar kmieni irnexxilhom isibu impjeg permanenti iżda b'kundizzjonijiet tax-xogħol inqas favorevoli;
- Q. billi l-istruttura legali tal-Caterpillar fl-Ewropa turi l-inġinerija fiskali li tikkontribwixxi għall-evaljazzjoni tat-taxxa li minnha tibbenefika: Caterpillar Belgium S.A., kumpanija b'responsabbiltà limitata skont il-liġi Belġjana, hija sussidjarja tal-Caterpillar Overseas SARL ibbażata f'Ġinevra, li tforniha, skont ftehim ta' servizz, b'servizz li jipproċessa l-

materja prima fi prodotti lesti, u għalhekk hija mċaħħda mhux biss mill-valur miżjud ipprovdut mill-forza tax-xogħol Belġjana, iżda wkoll mill-ġestjoni diretta tal-sit Belġjan fl-Isvizzera, fejn haħħdiema Belġjani mhumiex rappreżentati;

- R. billi dan il-mekkaniżmu mhux biss jikkonċerna lill-Caterpillar iżda lanqas ma jista', fi kwalunkwe każ, ikun ta' benefiċċju għall-UE; billi għaldaqstant huwa essenzjali li l-UE tikkuntesta dawn il-kostruzzjonijiet legali permezz ta' investigazzjoni bl-għan li tifli l-istrutturi legali stabbiliti mill-azjenda Caterpillar, iżda fuq kolloxx bl-għan li tanalizza l-operazzjonijiet ta' trasferiment bejn Caterpillar Overseas SARL u diversi sussidjarji tagħha li jinsabu fit-territorju tal-UE, sabiex jiġi ddeterminat jekk l-ispiża ta' dawn it-trasferimenti hijiex xierqa u tivverifika jekk humiex sempliċiment mezz ta' evażjoni tat-taxxi;
- S. billi l-kummerċ f'makkinarju tal-kostruzzjoni fl-UE sofra tħarbit serju f'dawn l-aħħar snin, marbut mat-tnaqqis ta' investiment pubbliku u privat iżda wkoll minħabba ż-żieda fl-ispejjeż tal-produzzjoni li rriżultat miż-żieda fil-prezzijiet tal-materja prima; billi l-produzzjoni ta' makkinarju għall-użu f'siti tal-bini fl-Ewropa waqgħet b'45.1 % mill-2007 sal-2014, filwaqt li qed tikkawża telf kbir tas-sehem tas-suq għall-produtturi Ewropej u li bdiet bit-telf tal-impjiegi f'dan is-settur;
- T. billi l-kummerċ ġust ta' prodotti industrijali jista' jiffunzjona biss jekk jirrispetta d-drittijiet fundamentali tal-haħħdiema u r-regoli ambjentali; billi l-investimenti fl-enerġija rinnovabbli u fl-effiċjenza enerġetika huma motivatur importanti għall-investimenti fil-prodotti industrijali li kapaċi joħlqu krieki pożittivi;
- U. billi l-innovazzjoni tal-produzzjoni għandha impatt pożittiv fuq it-tkabbir tal-impjiegi fil-fażijiet kollha taċ-ċiklu ekonomiku industrijali; billi l-parteciċipazzjoni tal-haħħdiema f'miżuri ta' innovazzjoni u fid-definizzjoni tal-istrateġiji tibqa' l-aħjar garanzija għas-suċċess ekonomiku;
- V. billi fil-każijiet tal-Alstom u tal-Caterpillar, l-għarfien espert tar-rappreżentanti tal-haħħdiema ma ġiex debitament ikkunsidrat; billi l-unità u s-solidarjetà murija mit-tredjunjins kollha f'din is-sitwazzjoni kienu notevoli, speċjalment mill-haħħdiema f'Reichshoffen lejn il-kollegi tagħhom f'Belfort u mill-haħħdiema tal-Caterpillar tas-sit ta' Grenoble, li mblukkaw l-aċċess għas-sit wara li l-kumpanija haħħbret l-għeluq u li kienu preżenti wkoll waqt id-dimostrazzjoni fis-16 ta' Settembru 2016 biex juru l-appoġġ għall-kollegi Belġjani tagħhom;
- W. billi, minkejja dan kollu, xi kumpaniji bħall-Caterpillar implimentaw strateġiji bbażati fuq gwadann finanzjarju fuq terminu qasir, minflok fuq l-innovazzjoni, l-investimenti fir-riċerka u l-iżvilupp, fl-impjeg u fit-tiġdid tal-ħiliet; billi fl-2015, 70 % tal-profitti operattivi ġew imqassma bħala dividendi, u dan ssaħħaħ il-finanzjalizzazzjoni tal-ekonomija minflok ma saħħaħ l-investiment fil-kapaċità produttiva, ir-riċerka u l-iżvilupp;
- X. billi skont il-maniġment, id-deċiżjoni li jingħalaq is-sit tal-Caterpillar kienet neċessarja sabiex tiġi żgurata l-kompetittività tal-impjant; billi t-tredjunjins opponew bil-qawwa l-għeluq tas-sit; billi l-gvern u l-unjins ikkontestaw l-argumenti li jirrigwardaw il-kompetittività tal-impjant u wrew it-tħassib tagħhom li dawn is-sensji se jkunu l-ewwel pass lejn l-għeluq komplet tal-impjant;

- Y. billi l-impant tal-Caterpillar f'Gosselies kien profittabbli; billi t-tnaqqis fl-ispejjeż tal-produzzjoni bejn l-2013 u l-2015 ippermetta li l-prodotti tal-impjant isiru aktar attraenti mill-prodotti li kienu ġejjin minn barra l-UE; billi l-azzjenda ddeċidiet li tagħlaq l-impjant sabiex tmexxi l-produzzjoni lejn impjanti oħra fl-Asja u l-Amerika Latina; billi dan juri li d-deċiżjoni għas-sensji saret biss biex jiżdied is-sehem tal-profitti u mhux għal raġunijiet ekonomiċi reali, u billi l-UE għandha tiġġieled kontra din il-prattika illegali;
- Z. billi rappreżentanti tal-kumpaniji attribwew l-għeluq ippjanat għad-daqs eċċessiv taż-żona ta' produzzjoni fi Gosselies, għall-ispejjeż oġġla tal-produzzjoni assoċjati, u l-possibbiltà ta' produzzjoni f'post ieħor b'inqas spejjeż; billi t-trejdjunjins ikkritikaw il-maniġment tal-Caterpillar talli ffavorixxa l-interessi tal-azzjonisti u injora dawk tal-impjegati tagħhom; billi jidher li kważi s-sensji kollha se jseħħu bejn April u Lulju 2017;
- Aa. billi l-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEG) huwa strument Ewropew li jipprovdu appoġġ dirett lil ħaddiema li tilfu l-impjeg tagħhom bħala riżultat ta' bidliet fix-xejriet kummerċjali u l-globalizzazzjoni; billi l-FEG ġie mobilizzat diversi drabi biex jgħin lill-ħaddiema fl-Ewropa li ngħataw is-sensja mill-Caterpillar jew is-sussidjarji tagħha;
- Ab. billi minħabba l-importanza u d-dimensjoni Ewropea ta' dan il-każ, il-Kummissjoni ddeċidiet li tistabilixxi Task Force biex tlaqqa' flimkien is-servizzi kompetenti, li jagħxu bħala interlokutori fil-proċess ta' għeluq tal-Caterpillar;
- Ac. billi l-għeluq tal-Caterpillar f'Gosselies qed isir għall-benefiċċju ta' pajjiżi terzi, li ma jirrispettawx l-istess standards ta' protezzjoni soċjali u ambjentali bħal dawk applikabbli għall-industrija Ewropea, u b'hekk tinħoloq kompetizzjoni inġusta;
- Ad. billi l-Alstom stqarret li se jkun hemm tnaqqis fl-ordnijiet ta' madwar 30 % għas-siti Franċiżi tagħha sal-2018, iżda li għas-sit ta' Belfort l-ordnijiet se jibdeu jonqsu biss mill-2018 u li l-aħħar ordni ser tintbagħat fl-2021; billi s-sit tal-Alstom f'Belfort huwa vijabbli u jistgħu jinstabu soluzzjonijiet ġodda, u għalhekk għandhom jiġu kkunsidrati l-kompetenzi industrijali u l-forza tax-xogħol tas-sengħa fil-valutazzjoni tal-vijabbiltà tal-produzzjoni tal-kumpanija kollha kemm hi;
- Ae. billi t-telf tal-kompetenzi u tal-ħiliet tal-ħaddiema fis-sit tal-Alstom f'Belfort hija raġuni għal tħassib, peress li dan jista' jipperikola kull possibbiltà ta' tnedija mill-ġdid tal-attività ekonomika tas-sit f'każ ta' aktar ordnijiet; billi l-flotta tal-ferroviji Ewropej (notevolment ferroviji b'veloċità qawwija) qed tixjieħ u ħafna pajjiżi dalwaqt jeħtiġilhom jirrinnowaw il-flotot tagħhom; għalhekk l-Ewropa jeħtiġilha żżomm il-kapaċità industrijali tagħha sabiex tissodisfa dawn il-ħtiġijiet mingħajr ma jkollha tiddependi fuq il-produtturi ta' pajjiżi terzi, u s-sit tal-Alstom jista' joffri soluzzjoni għal din il-ħtieġa;
- Af. billi l-kriżi serja tal-industrija Ewropea qed twassal għal dipendenza aktar fil-fond tas-settur tal-manifattura tal-UE fuq l-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi, għal telf ta' kompetenzi industrijali u għal nuqqas ta' investment, li se jkollhom impatt dirett fuq miljuni ta' impjegati; billi l-għeluq ta' fabbriki ta' sikwit jinvolvi telf irriversibbli f'termini ta' teknoloġiji, kompetenzi u ħiliet tal-ħaddiema industrijali;

- Ag. billi l-industrija għandha rwol ewlieni fl-iżvilupp tal-ekonomija kollha kemm hi, f'termini kemm ta' teknoloġiji kif ukoll biex jingħelbu d-diffikultajiet ta' forniment;
1. Jinsab konvint li l-industrija Ewropea għandha titqies bħala valur strateġiku għall-kompetittività tal-UE; itenni li hija biss industrija b'saħħitha li tista' tippermetti lill-Unjoni Ewropea tiffaċċja sfidi differenti, jiġifieri r-rispett u t-twettiq tal-impenji tal-COP 21;
 2. Ifakkar li l-kriżi ekonomika fl-Ewropa wriet li l-industriji li jinvestu huma dawk li jirreżistu l-aktar, u jenfasizza f'dan il-kuntest l-impatt negattiv tal-politiki ta' awsterità fuq l-investment pubbliku u fuq il-konsum intern, li għandhom jistimolaw it-tkabbir;
 3. Jenfasizza li l-industrija Ewropea qiegħda tiffaċċja kompetizzjoni dinjija u għalhekk jinkoraġġixxi b'mod qawwi lill-Kummissjoni biex b'mod urġenti tqis dan is-suq dinji bħala referenza meta tkun qed tiddefinixxi s-swieq ġeografiċi, kif ukoll fl-analiżi u l-paraguni tagħha skont il-liġi tal-kompetizzjoni, u biex ma tillimitax l-analiżi tagħha biss għas-suq intern, biex b'hekk tippermetti lill-industriji Ewropej joħolqu sħubijiet tal-R&Ż u alleanzi strateġiċi;
 4. Jitlob li ssir reviżjoni tal-politika dwar il-kompetizzjoni u dwar ir-regoli dwar l-għajnuna mill-istat bil-ħsieb li jiġi ffaċilitat l-intervent pubbliku biex tinżamm il-koeżjoni soċjali u reġjonali; jitlob li ssir valutazzjoni tal-impatt dwar l-iżvilupp tal-kapaċitajiet ta' produzzjoni, inkluż fost oħrajn tal-fabbriki u l-impjiegi, qabel ma tittieħed kwalunkwe deċiżjoni mid-DĠ Kompetizzjoni;
 5. Jistieden lill-Kummissjoni twettaq studju prospettiv ta' 15-il sena (2030) dwar l-iżvilupp tal-industrija ferrovjarja fl-Ewropa, filwaqt li tintegra xenarji differenti dwar l-għanijiet ambjentali tal-Istati Membri tal-UE; jitlob lill-Kummissjoni twettaq studju kumplementari addizzjonali dwar l-impatt ta' xenarji differenti fuq l-impjiegi, il-professjonijiet u l-ħiliet; jenfasizza li l-Kummissjoni għandha tagħti segwitu aktar rapidu għar-rakkomandazzjonijiet tar-risoluzzjoni tal-Parlament dwar l-industrija tal-provvista ferrovjarja tal-UE biex tiggarrantixxi t-tkabbir u l-impjiegi; jinnota li dan il-proċess irid jiġi ffaċilitat permezz ta' djalogu permanenti mal-partijiet interessati kollha u jeħtieġ jinkludi l-kapitoli kollha tar-risoluzzjoni;
 6. Jistieden lill-Kunsill jadotta mingħajr telf ta' żmien il-modernizzazzjoni ta' mekkaniżmi ta' difiża kummerċjali, sabiex ikun jista' jirrispondi b'mod xieraq għal prattiki inġusti minn pajjiżi terzi, u sabiex jipproteġi l-industrija tal-UE minn dumping fis-suq Ewropew, u b'hekk jiggarrantixxi kompetizzjoni ġusta għal kulħadd;
 7. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-politika kummerċjali tal-UE tkun aktar konsistenti mal-politika industrijali, sabiex il-politika kummerċjali tqis il-ħtieġa li jkun żgurati l-impjiegi industrijali Ewropej u ma twassalx għal rilokazzjonijiet ġodda u għal aktar deindustrijalizzazzjoni; jitlob lill-Kummissjoni tiżgura li l-ftehimiet kummerċjali jinkludu dispożizzjonijiet speċifiċi li jtejbu l-aċċess għas-suq għall-industrija Ewropea; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura kundizzjonijiet ekwi għall-operaturi tas-suq kemm ġewwa kif ukoll barra l-Ewropa;
 8. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura l-konformità mar-regolamenti tal-UE dwar l-akkwist pubbliku, b'mod partikolari r-regolamenti dwar il-preferenza nazzjonali, l-offerti li

jkunu baxxi b'mod anormali u l-kompetizzjoni inġusta; ifakkar ukoll li d-dispożizzjonijiet tal-UE jippermettu r-rifjut ta' offerti li fihom aktar minn 50 % tal-valur tagħhom ikun magħmul barra l-UE;

9. Iħeġġeġ bil-qawwa lill-Kummissjoni taħdem ma' diversi setturi industrijali sabiex jiġi żgurat l-aħjar użu possibbli tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej, u b'mod aktar preċiż tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR), biex tappoġġja proġetti tal-R&Ż fil-livell reġjonali;
10. Jilqa' l-inizjattiva ta' ċerti awtoritajiet lokali, flimkien mas-sħab soċjali, biex jiġu promossi proġetti sperimentali għall-ħaddiema u l-kumpaniji affettwati mill-kriżi ekonomika, sabiex jiġu żgurati karrieri professjonali permezz ta' taħriġ professjonali u ta' miżuri oħra, minflok il-qgħad parzjali;
11. Jinsab ferm konvint li l-protezzjoni tal-ħaddiema fil-qafas tal-implimentazzjoni tal-strateġija industrijali tal-Unjoni għandha tissaħħaħ permezz ta' pakkett leġislattiv dwar l-informazzjoni u l-konsultazzjoni tal-ħaddiema, it-tisħiħ tas-sistema tat-tkeċċija kollettiva iżda wkoll billi jkunu antiċipati l-effetti negattivi tal-globalizzazzjoni;
12. Jenfasizza l-kompetenza rikonoxxuta tar-rappreżentanti tal-ħaddiema f'għażliet strateġiċi u fit-teħid ta' deċiżjonijiet f'kumpaniji; huwa favur il-ħolqien ta' kumitat lokali ta' informazzjoni u ta' konċiljazzjoni għall-prevenzjoni tar-riskji industrijali, li jinkludi l-partijiet interessati kollha li għandhom kapaċità ta' kontroll jew ta' twissija;
13. Jitlob il-ħolqien ta' proġett pilota ta' informazzjoni lokali u ta' kumitat ta' konċiljazzjoni fis-sit tal-Alstom, sabiex jiġu evitati riskji industrijali, li jkun magħmul mill-partijiet interessati li kapaċi jikkontrollaw u janalizzaw dawn ir-riskji u li jkunu inkarigati jistudjaw il-futur tas-sit tal-Alstom u jifformulaw proposti ta' attivitajiet għal wara l-2018;
14. Jenfasizza li waqt ir-ristrutturazzjoni, huwa l-impatt immedjat u faċilment perċettibbli fuq l-impjiegi li jattira l-aktar attenzjoni, waqt li l-effetti negattivi fuq il-kundizzjonijiet tax-xoġhol u s-saħħa tal-ħaddiem ma jkunux rikonoxxuti u indirizzati b'mod adegwat;
15. Jitlob lill-Kummissjoni tressaq kemm jista' jkun malajr, wara li tikkonsulta s-sħab soċjali, proposta għal att legali dwar informazzjoni lill-ħaddiema u konsultazzjoni tal-ħaddiema, antiċipazzjoni u ġestjoni tar-ristrutturazzjoni, skont ir-rakkomandazzjonijiet dettaljati stabbiliti fir-risoluzzjoni tal-Parlament tal-15 ta' Jannar 2013 dwar informazzjoni lill-ħaddiema u konsultazzjoni tal-ħaddiema, antiċipazzjoni u ġestjoni tar-ristrutturazzjoni;
16. Jinnota li l-impatt tad-deċiżjonijiet ta' ristrutturazzjoni meħuda minn kumpaniji kbar Ewropej imur ferm lil hinn mill-kumpanija nnifisha, u fil-fatt jaffettwa t-tessut ekonomiku kollu, inklużi s-sottokuntratturi, u jikkomprometti l-ġejjieni tal-fergħat kollha tas-settur industrijali;
17. Jinsab profondament imħasseb dwar il-fatt li ċerti siti industrijali jitħallew imutu, filwaqt li jiġi evitat kull tibdil ekonomiku, u jinsisti dwar il-ħtieġa li jiġu stabbiliti modi biex jerġgħu jittieħdu lura s-siti u biex l-awtoritajiet pubbliċi jkunu jistgħu jagħmlu dan;

18. Jitlob li jkunu inklużi s-sottokuntratturi fil-fażi ta' negozjati li sseħħ meta jitħabbar pjan ta' sensja kollettiva f'kumpanija kbira;
19. Jitlob lill-Kummissjoni tressaq kemm jista' jkun malajr, wara li tikkonsulta mas-sħab soċjali, proposta ta' reviżjoni dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar redundancies kollettivi (id-Direttiva tal-Kunsill 98/59/KE), li għandha tinkludi l-prinċipji li ġejjin:
- Garanzija li l-ħaddiema kollha li jkunu qed isofru mill-effetti tar-ristrutturazzjoni u jkunu attivi fl-istess kumpanija, iżda f'postijiet differenti tan-negozju, ikunu jistgħu jwettqu proċedura ta' tkeċċija kollettiva flimkien,
 - L-inklużjoni tas-sottokuntratturi kollha tal-kumpanija fil-proċedura ta' tkeċċija kollettiva, biex ikunu jistgħu jinnegozjaw mal-kumpanija kumpens għad-danni li jirriżultaw mill-għeluq tal-attivitajiet tagħhom, inkluż l-impatt fuq l-impjeg ta' ħaddiema b'kuntratt sekondarju,
 - Jitlob lill-kumpanija biex taħtar rappreżentant bis-setgħa li jieħu deċiżjonijiet dwar in-negozjati matul il-proċedura ta' tkeċċija kollettiva,
 - L-istabbiliment ta' mekkaniżmu ta' sanzjonijiet kontra kumpaniji li jwettqu proċeduri ta' ristrutturazzjoni li jkunu inġusti u li ma jkunux ibbażati fuq kawżi ġusti (licenciement boursier), inkluż billi dawn il-kumpaniji jiġu mċaħħda mill-aċċess għas-suq uniku u mill-programmi Ewropej ta' finanzjament u/jew l-obbligu li dawn iħallsu lura l-għajjnuna pubblika kollha mogħtija lilhom fis-snin ta' qabel is-sensji kollettivi;
20. Jitlob lill-Kummissjoni tressaq kemm jista' jkun malajr, wara li tikkonsulta s-sħab soċjali, proposta għal att legali simili għal Att ta' Florange fil-livell Ewropew, l-għan ta' dan l-att legali jkun li, fil-każ ta' għeluq, il-kumpanija tkun mistiedna tagħti bidu għal proċedura speċifika ta' informazzjoni, bil-ħsieb li ssir tfittxija għal xerrej jew il-bejgħ tas-sit;
21. Jemmen li l-kumpaniji li jixtiequ jieħdu vantaġġ mill-opportunitajiet offruti mil-liġi Ewropea dwar il-kumpaniji jeħtieġu, fl-istess ħin, jirrispettaw il-valuri komuni Ewropej; jistieden, għalhekk, lill-Kummissjoni tippreżenta proposta għal Direttiva li tintroduċi liġi ġdida u arkitettura integrata dwar l-involviment tal-ħaddiema f'kumpanija Ewropea, li għandha tistabbilixxi standards għoljin dwar l-informazzjoni u l-konsultazzjoni u tintroduċi standards minimi ambizzjużi dwar ir-rappreżentanza tal-ħaddiema fil-livell tal-bord; jenfasizza li dan il-qafas ġdid għandu jsir referenza unika dwar l-informazzjoni, il-konsultazzjoni u r-rappreżentanza fil-livell tal-bord għall-forom kollha ta' kumpaniji Ewropej (eż. kumpanija Ewropea (SE), Soċjetà Kooperattiva Ewropea (SCE), l-istatut li jmiss dwar l-SMEs), u li għandu jintroduċi obbligu li tiġi stabbilita sistema għar-rappreżentanza tal-ħaddiema fil-bord tad-diretturi (għal sistemi ta' livell wieħed) jew fuq bordijiet superviżorji (għal sistemi b'żewġ livelli);
22. Jiddispjaċih li, jum wieħed biss wara l-avviż ta' pjanijiet ta' ristrutturazzjoni, il-Caterpillar informat lill-membri tal-Kumitat Magħżul tal-Kunsill tax-Xogħlijiet Ewropew f'Gosselies fil-Belġju permezz ta' komunikat uffiċjali matul konferenza telefonika; jenfasizza li l-każ tal-Caterpillar juri għal darb' oħra li d-dritt tal-UE mhux qed ikun rispettat minn ċerti kumpaniji, li qed jonqsu milli jinfurmaw u jikkonsultaw il-

Kunsill Ewropew tax-Xogħlijiet qabel ma jħabbru ristrutturazzjoni, inklużi sensji tal-massa fil-Belġju, ir-Renju Unit u l-Irlanda ta' Fuq; iqis li din id-dikjarazzjoni qasira kienet qed tikser b'mod ċar id-Direttiva Ewropea, li tgħid li l-Kunsilli tax-Xogħlijiet Ewropej (EWCs) għandhom ikunu infurmati u kkonsultati qabel ma jsiru t-tibdiliet u mhux wara; jitlob, għalhekk, li l-Kummissjoni tippreżenta proposta għar-reviżjoni tad-Direttiva EWC, billi tintroduċi d-dritt ta' sospensjoni tal-pjanijiet ta' ristrutturazzjoni u tal-għeluq ta' impjanti sakemm titlesta l-proċedura ta' konsultazzjoni xierqa, stabbilita fil-leġiżlazzjoni Ewropea, b'hekk il-ħaddiema jingħataw opportunità ġusta biex jinfluwenzaw il-proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet fil-kumpanija;

23. Jinnota li, minkejja l-impenn pubbliku tal-Caterpillar lejn is-sostenibbiltà, inkluża r-responsabbiltà soċjali, fil-mod li bih il-kumpanija timmaniġġja d-deċiżjonijiet tagħha għar-ristrutturazzjoni, li jaffettwaw eluf ta' ħaddiema u li jonqsu milli jirrispettaw id-drittijiet tagħhom, turi nuqqas ta' responsabbiltà soċjali korporattiva (CSR) ; jenfasizza li l-ewwel prijorità tas-CSR għandha tkun il-kwalità tar-relazzjonijiet industrijali fi ħdan kumpanija kif ukoll li jinstabu modi biex is-sħab soċjali jaħdmu flimkien biex itejbu d-djalogo soċjali, l-antiċipazzjoni u l-ġestjoni tal-bidla u r-ristrutturazzjoni, ir-rispett lejn id-drittijiet tal-bniedem tal-ħaddiema, inkluż id-dritt li jiformaw parti u jissieħbu fi trejtdjunjins, li jinneozjaw u jistrajkwaw, u l-promozzjoni tal-parteċipazzjoni tal-ħaddiema permezz ta' proċeduri ta' konsultazzjoni u ta' informazzjoni "reali", inkluż fi ħdan il-Kunsilli tax-Xogħlijiet Ewropej u l-bordijiet SE; jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta proposta għall-armonizzazzjoni tar-reqwiziti tas-CSR, inkluż qafas obbligatorju ta' rappurtar soċjali u għall-kumpaniji u l-manigġers sabiex jerfgħu r-responsabbiltà għall-konsegwenzi ta' abbużi jew ta' imġiba ħażina, u l-istabiliment ta' qafas għal ftehimiet Ewropej dwar is-CSR;
24. Jinnota li l-FEG huwa strument essenzjali tal-UE fl-era tal-globalizzazzjoni li jsostni lill-Istati Membri fil-politiki tagħhom ta' rikwalifikazzjoni professjonali tal-ħaddiema u sabiex tiġi stabbilita mill-ġdid in-nisġa ekonomika f'reġjun fir-rigward ta' ħaddiema li qed ibatu mill-effetti negattivi tal-globalizzazzjoni jew tal-kriżi ekonomika; jiddispijaċih li l-FEG xi drabi qed jintuża bħala strument marbut man-negozjati ta' tkeċċijiet kollettivi, u b'hekk jippermetti lill-intrapriża li tnaqqas il-livell ta' intervent tagħha għall-finanzjament ta' miżuri ta' taħriġ mill-ġdid tal-ħaddiema u/jew fil-kumpens tal-ħaddiema; jinsisti li l-għajnuna finanzjarja mill-FEG ma għandhiex tiġi kkunsidrata fil-qafas tan-negozjati dwar sensji kollettivi; jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta proposta għar-reviżjoni tar-Regolament 1309/2013 dwar il-FEG biex tippermetti lis-sottokuntratturi kollha relatati mar-ristrutturazzjoni, kif ukoll in-NEETs kollha, ikunu eliġibbli għall-azzjonijiet tal-FEG , iżda wkoll biex jiġi ggarantit li, ladarba t-talba minn Stat Membru tkun introdotta f'reġjun tan-NUTS 2 speċifiku, ir-rata ta' kofinanzjament tal-Istati Membri għall-finanzjament tal-miżuri titnaqqas għal 20 %;
25. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jwettqu studji dwar l-impatt ta' nnegozjar kummerċjali bejn il-pajjiżi/reġjuni barra l-UE;
26. Jenfasizza li dawn l-istudji għandhom jitwettqu bl-użu ta' approċċ reġjonali u settorjali, iżda għandhom ukoll jgħinu biex ikunu mifhuma l-impatti pożittivi u negattivi fuq l-impjiegi u l-industriji Ewropej li jibbenefikaw minn dawn il-ftehimiet;
27. Isostni li l-impatt negattiv tal-ftehimiet ta' kummerċ ħieles fuq l-impjiegi u l-industrija

tal-UE jrid jiġi antiċipat mill-UE u appoġġjat minn fondi Ewropej bl-għan li jiġu allokati fondi lil reġjuni/setturi ta' attività milquta b'mod negattiv minn dawn il-ftehimiet; iqis li l-FEG jista' jiġi attribwit din il-kompetenza bħala tpaċija għal żieda fil-fondi attwalment allokati lilu, u li l-FEŻR, il-FSE u l-FEG jistgħu jingħataw din il-kompetenza;

28. Jistieden lill-Kummissjoni tinforma lill-Parlament dwar l-istrateġija tagħha għal setturi industrijali prinċipali fl-Ewropa, jiġifieri s-settur tal-provvista ferrovjarja u s-settur tal-makkinarju, biex jinħoloq ambjent tas-suq aktar favorevoli, kif ukoll dwar x'biħsiebha tagħmel il-Kummissjoni biex iżżomm l-impjiegi, il-kompetenzi u l-investimenti fl-Ewropa;
29. Jistieden lill-Kummissjoni tfassal strateġija koerenti dwar il-politika industrijali tar-reindustrializzazzjoni, li m'għandhiex tibqa' mhux imwettqa, sabiex tkun konsistenti mal-għanijiet tagħna;
30. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni u r-rakkomandazzjonijiet dettaljati annessi magħha lill-Kummissjoni u lill-Kunsill.